**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 175/2024DC**

***Kappara Service Station Operations Ltd (C-99585)***

***vs***

***Khurshid & Sons Ltd (C-93837)***

**Illum, 8 ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Kappara Service Station Operations Ltd** ippreżentata fil-15 ta' Frar, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' sebgħa u sittin elf tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€67,062.50) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' fuel u aċċessorji oħra relatati ma' vetturi mibjugħa bl-ingrossa u kkonsenjati lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjetà rikorrenti fuq il-kont kurrenti tas-soċjeta' konvenuta stess, u dana kif jirrizulta mill-annessi invoices u statement (Dok. 'KSS 2')*

2. *Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont, hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;*

3. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment, lill-esponenti.*

4. *Illi s-soċjetà konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.*

5. *Illi ġħalhekk kellha ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremettiet is-socjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti, fl-ammont ta' sebgħa u sittin elf tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€67,062.50) u dana kif jirriżulta mill-annessi invoices u statement (Dok. 'KSS 2')*

3. *Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta, sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' sebgħa u sittin elf tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€67,062.50).*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sekwestru kontestwalment prezentat, oltre l-imgħax legali b'effett mil-23 t'Ottubru 2023 kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni tagħha.*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat.

Rat id-digriet mgħoti fl-4 ta' Marzu 2024 permezz ta' liema l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tad-9 ta' April 2024 u s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li s-soċjeta' konvenuta dehret għall-udjenza miżmuma llum u ammettiet it-talbiet attriċi

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi, hekk kif maħluf minn Philip Bonnici, u mill-affidavit ta'l-istess Philip Bonnici flimkien mar-rendikont hemm anness jrriżulta li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat fuel u aċċessorji oħra lis-soċjeta konvenuta l-prezz ta' liema jammonta għal €67,062.50. Jiirzulta ukoll li minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex isir il-ħlas is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.

Illi s-soċjeta konvenuta ammettiet it-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi.

Illi, wara li l-Qorti rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta dwar smiegħ ta’ kawżi bil-proċedura sommarja, u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-rikors ġuramentat jirriżulta li għadu dovut anke fuq ammissjoni tas-soċjeta konvenuta, il-Qorti hi sodisfatta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(1) **Tilqa’ l-ewwel talba** tas-soċjeta’ attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta’ l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(2) **Tilqa’ it-tieni talba** tas-soċjeta’ attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta’ konvenuta Khurshid & Sons Ltd hija debitriċi tas-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ sebgħa u sittin elf u tnejn u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€67,062.50); u

(3) **Tilqa’ it-tielet talba** tas-soċjeta’ attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta Khurshid & Sons Ltd tħallas is-somma ta’ sebgħa u sittin elf u tnejn u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€67,062.50).

B’l-ispejjez u b’l-imgħaxx legali kontra s-soċjeta konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**